

# Arma tal-Gran Mastru Manoel Pinto fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali tal-Għasri

*minn **Toni Calleja***

## Daħla

Xi ħaġa li tolqot l-għajn hekk kif tidħol f'dak l-hekk imsejjaħ kuridur li jwassal għas-sagristija tal-Knisja Parrokkjali tal-Għasri, hija l-arma tal-Gran Mastru Manoel Pinto De Fonseca (1742-1773) li hemm fuq ir-riħ tal-bieb. L-arma hija waħda mdaqqsa tal-injam, ta' stil barokk pjuttost elaborat u eleganti ħafna. L-istemma araldika ta' Pinto hija vandalizzata, imma b'mod pulit tant li xorta baqgħet inekwivokament rikonoxxibbli. Id-dilettant li jsir konxju tagħha għall-ewwel darba dlonk ifattarha f'moħħu bħala dak oġġett żbaljat f'*puzzle*, għax xejn ma tikkorrispondi mal-ambjent storiku tal-post. Iżda minkejja dan, xorta jinħakem minn sens ta' kurżità li jsir jaf ġrajjietha għax żmien il-Kavallieri f'Malta tant kien movimentat u kulurit li jirrendih wieħed tassew partikulari.

## L-arma

It-tali arma hija tal-1746 u oriġinarjament kienet l-ornament prinċipali fuq l-antiporta tal-Knisja u l-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù, il-Belt – Valletta; popolarment magħrufin bħala *ta' Ġieżu*. Iż-żmien li fih kienet vandalizzata huwa dubbjuż ħafna. Minkejja li kienet fuq ġewwa, huwa maħsub li tħassret b'ordni tal-invażuri Franċiżi fl-1798, kif allura nafu li korrielhom tliet armi oħra tal-granmastri, skolpiti fil-ġebel, fuq in-naħa ta' barra, fil-faċċata, tal-imsemmija knisja konventwali.[1]

Biss setgħet tħassret mill-Patrijiet infushom fl-1814 biex ma jkunux kostretti jissostitwuha b'waħda tar-Re Ingliż. Malta ġiet uffiċċjalment rikonoxxuta bħala parti mill-Imperu Ingliż bit-Trattat ta' Paċi ta' Pariġi ffirmat fit-30 ta' Mejju 1814. Skont Artiklu VII, il-gżira ta' Malta kienet f'sovranità u bi dritt sħiħ tal-Maestà Brittanika. Imma qabel dik id-data, il-Logutenent Ġenerali Sir Thomas Maitland (1813-1824), il-Gvernatur Ingliż, kien ħareġ Bandu biex jgħid li minħabba li Malta kienet fil-fatt saret parti mill-Imperu Ingliż, u l-Maltin sudditi Ingliżi, kellhom jitwarrbu minnufih l-armi u l-istemmi kollha tal-Ordni ta' San Ġwann u minflokhom titwaħħal l-istemma tar-Re Ingliż.

Din it-tibdila kellha ssir "b'osservanza kbira u b'dik id-deċenza li jistħoqqilha Ordni ta' antikità kbira b'fama li jimmeritha". Ħafna mill-armi mwaħħlin mas-swar u ma' postijiet pubbliċi ġew mibruxa. Oħrajn inqalgħu minn posthom u maż-żmien twaħħlu mal-ħitan, fil-kuriduri ta' dak li sa Jannar 1971 kien għadu jservi bħala l-Qorti Superjuri, il-Belt – Valletta.

Intant, l-antiporta li semmejna saret fl-1746 biex isservi għal fuq ġewwa ta' bieb miftuħ ġdid fl-1700, fl-imsemmija knisja u kunvent, meta kien Gwardjan P. Giovanni



***Fuq:*** l-arma tal-Gran Mastru Manoel Pinto De Fonseca fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali tal-Għasri. ***Taħt:*** riproduzzjoni ta' firma awtentika tal-Gran Mastru Pinto meħuda minn dokument ikkonservat fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex (ara UG, 16 (1760-1782), *f.* 691ʳ).



Saliba minn Ħaż-Żebbuġ (1695-1703). Swiet 577 skud miġbura minn diversi benefatturi, fosthom il-Gran Mastru Manoel Pinto nnifsu u t-Teżor tal-Ordni, dejjem bis-saħħa ta' P. Illuminato Gafà minn Ħaż-Żebbuġ. L-antiporta nħadmet mill-mastrudaxxa Mastro Giuseppe Azzopardi, l-iskultura minn Mastro Ignazio Portelli u Mastro Giuseppe Fabri, u meta tlestiet inżebgħet minn Giann Nicola Buhagiar.[2] Fl-1927, din l-antiporta, għal xi raġuni jew oħra, ġiet mibdula b'oħra ġdida, xogħol Fra Celso Micallef (1868-1932); ajk Bormliż fl-istess kunvent.

**Kif sabet postha l-Għasri**

Minn hawn jew minn hemm il-Kappillan tal-Għasri, Dun M'Anġ Grima (1924-1929) sar jaf li f'*Ta' Ġieżu* l-Belt kellhom antiporta li riedu jeħilsu minnha għax minflokha kienu għamlu oħra ġdida. Fl-istess żmien, mill-istess knisja konventwali nxtara wkoll orgni ma jaħdimx, manufatturat fl-1705.

Fi żmien fejn il-mezzi tal-komunikazzjoni kienu biex ngħidu hekk ineżistenti, tassew kurjuża kif il-Kappillan Grima minn ġo qiegħ l-Għasri sata' kien jaf x'qatt kellhom żejjed il-patrijiet *Ta' Ġieżu* tal-Belt, u li dan riedu jeħilsu minnu! Għandi x'jgħidli li l-perċimes ta' kollox kien Fra Mikiel Farrugia (*tal-Masokk*: 1875-1933),[3] ajk mill-Għasri ma' *Ta' Ġieżu* fil-Kunvent ta' Sant'Antnin tal-Imġarr – Għawdex. Għal żmien, jgħix miegħu fl-istess kunvent kellu lil Fra Ċels Micallef, mastrudaxxa prim, li hemmhekk, bejn l-ewwel u t-tieni diċennju tas-seklu XX ħadem l-injam tal-kor, il-gallerija tal-orgni, l-antiporta tal-bieb ewlieni u l-kaxxerizzi tas-sagristija. Kif ġa aċċennajna, l-istess patri ajk ħadem ukoll l-antiporta li ssostitwiet dik li ġiet l-Għasri. Dik il-ħabta li sar in-negozju mal-Għasri, id-destin x'aktarx raġa' laqqa' liż-żewġ Frajiet, jgħixu flimkien, fil-kunvent ta' Għawdex; infatti Fra Ċels miet fl-Isptar ta' Għawdex nhar l-20 ta' Marzu 1932.

X'aktarx li ma kienx għal Fra Mikiel din il-biċċa negozju qatt ma kienet isseħħ għax l-Għasrin kienu dejjem kontra li l-knisja l-ġdida tagħhom titgħammar b'opri qodma minn parroċċi oħra. Minkejja li kienu konxji mil-limitazzjonijiet tagħhom, huma kienu lesti jistennew. Xhieda ta' hekk hu meta xi ħadd ħajjarhom jixtru l-qniepen il-qodma ta' San Ġorġ; ħadu paċenzja u stennew sakemm fl-1930 ġabu s-sett il-ġdid tal-Barigozzi ta' Milan li rnexxa ħafna. Iżda minkejja dan, il-Kappillan Grima, kontra xewqet il-poplu, xorta kien għamel l-offerta għalihom. B'xorti tajba l-offerta tal-Kappillan tal-Għasri ma kenitx aċċettata għax dik ta' Dun Spir Gauci, ir-Rettur tal-Knisja tal-Munxar, issuperatu u ħadhom hu.[4]

Biss fil-kwistjoni tal-antiporta għaddiet tal-Kappillan Dun M'Anġ Grima li naturalment ried jimpressjona l-opinjoni pubblika bit-twettiq ta' proġetti ġodda. Il-prijorità tiegħu kienet il-kwantità u mhux il-kwalità! Hekk, skont hu, kien ikollu aktar merti, u jikseb l-għajta ta' 'kappillan ħawtiel'. L-iskop tiegħu kien biex meta tvaga, titbattal xi parroċċa akbar, l-opportunitajiet li jeħodha hu jikbru. Għax ta' min ikun jaf li sa żmien l-Isqof Ġużeppi Pace (1944-1972), il-kappillani kienu jsiru b'konkors miftuħ għas-saċerdoti kollha tad-djoċesi. Barra mill-marki miksuba fl-eżami bil-miktub, kienu jiżdiedu magħhom ukoll punti addizzjonali għall-merti li t-tali saċerdot ikun akkwista tul iż-żmien tal-vokazzjoni tiegħu.[5]

Biss dwar is-sehem ta' Fra Mikiel Farrugia fil-faċenda tal-antiporta, ħadd m'għandu għax jiddubita mill-ġenwinità tiegħu. Hu tant kien iħobb lill-Għasri,

li x'aktarx kien tal-ħsieb li antiporta ta' dak il-valur storiku u artistiku hekk għoli, kellha tkun konkwista għal raħal twelidu. Imma, hekk preġudikati kontra li jgħammru l-knisja l-ġdida tagħhom bl-antikalji, lill-Għasrin, l-antiporta ma niżlitilhom xejn.

Safrattant, il-Kappillan Grima, fl-1928, l-antiporta akkwistaha xorta; nefaq fiha £7 (€16.31) u lira u nofs oħra (€3.49) għat-trasport tagħha mill-Knisja ta' Ġieżu sal-Port il-Kbir.[6] Il-Kappillan Grima ferħan ser itir bil-konkwista tiegħu ġabar għadd ta' tfajliet, xtralhom is-*sand-paper* u l-aċidu (fl-Għasri mlissen *laxtu* jew *laċtu*), naħseb li xi spirtu tal-melħ biex jintuża bħala *paint remover,* u talabhom joborxuha. Peppa Sultana (*ix-Xappa*: 1908-1992) ta' Triq il-Ġonna kienet tgħidli li l-brix sar f'nofs il-pjazza ħdejn l-awrikarja li dak iż-żmien kien għadha żgħira ħafna għax xejn ma kien ilha li tħawlet, u li l-*laxtu* ħa idejn kulħadd.

Meta fl-aħħar mill-aħħar ġabu l-mastrudaxxa, jew forsi aktar minn wieħed ukoll, biex jaddattaw l-antiporta għall-Bieb il-Kbir sabu li kienet xi ħaġa imprattikabbli. Nifhem li tant kien fiha panew u skultura, li taddatta kif taddatta kont ittelfilha l-armonija u ġġibha opra bla grazzja; xi ħaġa li l-ebda mastrudaxxa għajjur għal xogħlu ma ried jorbot ismu magħha! Finalment l-antiporta twarrbet u inbiegħet £3 (€6.99) għan-nar.[7]

Biss nafu li diversi partijiet skulturati minnha kienu nġabru fid-Dar tal-Kappillan. Meta ġie l-Kappillan Dun Ġwann Cini (1965-1969) kien talabni nieħu l-injam li kellu fil-mandra għall-forn ta' missieri. Fost dan l-injam kien hemm iż-żewġ kaxxi li kienu ġew fihom mill-Italja, l-anġli tal-irħam li jinsabu fuq il-presbiterju. Dawn iż-żewġ kaxxi, il-Kappillan Dun Karm Vella (1951-1965) kien għamilhom taħt is-siġar, mindudin fuq xi knaten, u kien irabbi l-fniek tal-liebru fihom. Niftakar li fuq it-tali kaxxi kien hemm ħafna rimiżolji biex taparsi jirfduhom u jħarsu l-fniek mix-xita, fosthom żewġ mazzettuni tal-frott skulturati fl-injam tal-aħmar jew kawba, x'kienet. Xi ħadd li rani ħiereġ bihom qalli li kienu minn tal-antiporta li xtara *ta' Guliermu* (il-Kappillan Grima) għall-Bieb il-Kbir. Kienu f'kundizzjoni ħażina, imma mhux tant; jidhru li ma kienx ilhom mitluqa hemm snin twal. Kien għadhom rikoverabbli; illum jiddispjaċini għall-mewt sobtu li nħarqu.

Fortunatament, l-aqwa biċċa, l-arma ta' Pinto, salvat u ma nqerditx hi ukoll. Jien din l-arma niftakarha fil-Kanonika. Kienet fil-kamra tal-garigor li toħroġ minnha għal fuq il-bejt. Qabel ma fil-25 ta' Settembru 1992, bdejna nħottu d-dar biex tinbena mill-ġdid, il-Kappillan Dun Ġużepp Cini (1992-2003) dar kull rokna biex ħareġ minnha kull tentufa ta' valur, fosthom l-arma msemmija li b'mod immedjat sabet postha fejn attwalment tinsab.[8] Tiġri daqq'hawn u daqq'hemm fil-knisja kien hemm ukoll ħamiema, li tissimbolizza l-Ispirtu s-Santu, u li suppost kellha teħel fiċ-ċelu tal-antiporta. Fi żmien il-parrokat ta' Dun Ġużepp Cini, din il-ħamiema, li dejjem niftakarha bi ġwejnaħ wieħed, kien sarilha *gratis,* ieħor pariġġ, minn Ċikku Mallia (*tat-Toqob*: 1931-2004), u wara kienet esibita fl-istess kuridur, fuq il-gallerija tal-eks Dar Kanonika. Fl-2007, fuq l-inizjattiva ta' Dun Ġużepp Mintoff, din il-ħamiema ngħatat lir-restawratur Manuel Zammit biex tinżebagħ bl-iskop li tibda tintuża fiċ-ċelu tas-sepulkru. Waslet lura nhar il-11 ta' Marzu 2013. Ir-restawr sewa €60 u għamel tajjeb għalihom l-imsemmi Mons. Ġużeppi Mintoff.[9]



# REGOLAMENTO
Toccante al Battaglione delle
MILIZIE
DELLA CITTA' VALLETTA.

In MALTA nel Palazzo, e Stamperia di S. A. S. MDCCLX.
Per D. Niccolò Capaci suo Stampatore. X Con Licenza de' Superiori.



***Fuq, xellug:*** il-frontispizju ta' ktieb stampat fuq ordni tal-Gran Mastru Pinto fl-1760 u li jittratta dwar ir-regolamenti militari tal-Milizzja Maltija.
***Lemin:*** profil tal-Gran Mastru Pinto li jinsab fin-*National Museum of Fine Arts*, Valletta.
***Taħt:*** Kartolina bl-istemmi araldiki tat-28 Gran Mastru li saltnu fuq Malta.




Kollezzjoni IL-KORPUS

**Konklużjoni**

Aħna l-Għasrin għandna nkunu kburin li nippossiedu din l-arma mhux biss għax hija oġġett awtentiku ta' żmien il-Kavallieri, iżda wkoll għax hija opra li kienet kummissjonata u mħallsa personalment mill-Granmastru Pinto nnifsu.[10] Issa li sirna konxji mill-istorja ferm interessanti tagħha, wieħed jistenna li nibdew napprezzawha aktar u mhux biss għall-valur intrinsiku tagħha iżda wkoll għax hija parti mill-wirt kulturali u artistiku tagħna.

Barra minn hekk, din l-arma għandna ngħożżuha bħala sens ta' gratitudni lejn il-persuna tal-Granmastru Pinto, li mit-28 Granmastru li saltnu fuq Malta bejn l-1530 u l-1798, kien l-uniku wieħed li bbenifikana bħala raħal. Meta fl-1750 jew l-1751, Dun Tumas Saliba talbu biċċa art biex ikabbar il-Knisja tal-Wied għax kien qiegħed jiġri, li waqt il-funzjonijiet, ħafna nies kien ikollhom jibqgħu barra fit-triq għax-xemx u x-xita, il-Granmasrtu Pinto kkonċieda għax-xewqa tiegħu b'mod inkondizzjonat.[11]

L-apprezzament tal-wirt kulturali mhux talli jirrifletti tajjeb fuq il-karattru individwali tagħna, iżda li jarrikkixxi 'l ħajjitna u jirrendina bħala ċittadini aħjar.

---

**Riferenzi u Noti**

1: Ġ. Aquilina OFM, *Il-Franġiskani Maltin (Ta' Ġieżu) 1482c sal-Konċilju Vatikan II – 1965c,* Malta 2011, p. 318.

2: *Ibid.*, p. 333.

3: Min jinteressah li jkun jaf aktar dwar Fra Mikiel, huwa mistieden jara: T. Calleja, *Fra Mikiel Farrugia OFM,* eċċ, f'***il-Korpus*** 31 (2008), pp. 58-66.

4: Infatti, irħama żgħira li kienet imqiegħda fuq wieħed mill-pilastri tal-faċċata tal-Knisja tal-Munxar, illum parrokkjali, kienet appuntu tgħid: "Dawn il-qniepen li kienu tal-Knisja ta' San Ġorġ Martri ġew mogħtijin lil din il-knisja mis-Saċ. Dun Ġużepp Galea fil-15 ta' Ottubru 1925". Interessanti ngħidu li Dun Ġużepp Galea (*tal-Għoġol:* 1851-1935), minn Ta' Sannat, kien ħu Karmni, l-ewwel mara ta' Salvu Gambin, il-kbir benefattur tal-knisja l-ġdida tal-Għasri.

5: Min jinteressah li jkun jaf aktar dwar l-għażla tal-Kappillani f'Għawdex qabel il-Konċilju Vatikan II, jista' jara: T. Calleja: *Mitt sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Karm Caruana (1908-2008),* f'***il-Korpus*** 31 (2008); ara speċjalment pp. 131-133.

6: Fir-reġistru tal-Ħruġ tal-Parroċċa, taħt is-17 ta' Settembru 1928, insibu: "Al Padre Bernardo Guardiano dei Minori Osservanti per un'antiporta – £7", waqt li taħt it-2 ta' Ottubru 1928, insibu: "Per trasporto detta antiporta dalla Chiesa al Gran Porto di Malta – £1-10s.". Taħt l-istess data, u imminenti wara, insibu: "Per barca fino Megiarro" – £1-15s. Dan l-aħħar ħlas, però huwa kanċellat. Fl-istess Reġistru, qabel spiċċa mill-Għasri – telaq definittivament nhar it-23 ta' Frar 1929 – il-Kappillan Dun M'Anġ Grima rreġistra kont ta' £1-17s. (€4.31) dovut: "Per 4 viaggi a Malta per l'acquisto dell'antiporta, dell Organo / compresi vetture, vapore, ecc" (AEG, CO 268, pp. 184-185).

7: Tagħrif minn Toninu Galea (*tal-Kiljatur*: 1927-2006) fl-1992.

8: Tagħrif minn Dun Ġużepp Cini, eks Kappillan, nhar it-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2012.

9: Tagħrif minn Dun Ġużepp Mintoff, nhar l-10 ta' Ġunju 2012 u nhar il-11 ta' Marzu 2013.

10: Fit-13 Mar 2013, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita numiżmatika tal-fidda biex tfakkru.

11: Għal aktar tagħrif ara: J. Bezzina, *Rikors għat-Tkabbir tal-Knisja tal-Patroċinju,* f'***il-Korpus*** 19 (2000), pp. 10-14. Ara wkoll: NAG, UG, *Suppliche 3* (1727-1774).